# FIT - TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR

## Ġudikatur: Dr Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.

**Seduta ta` nhar l-Erbgħa 22 ta` Novembru, 2017.**

**Talba Nru: 292/2017PA**

**Audriette sive Audrey Grech**

**vs**

**Glenn Briffa**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-Talba preżentat fis-26 ta` Ġunju 2017 li permezz tiegħu l-attriċi talbet li dan it-Tribunal jikkundanna lill-konvenut iħallasha s-somma ta` disa' mija u erbatax-il Ewro u seba' ċenteżmi (€914.07ċ) oltre l-imgħax legali, rappreżentanti sehmu mill-ispejjeż edukattivi u mediċi inkorsi mill-attriċi għal binhom minuri Travis, liema ammont il-konvenut huwa obbligat iħallsu skond klawsola 6(a) tal-kuntratt ta` separazzjoni personali ppublikat min-Nutar Dr. Sarah Scerri fil-21 ta Marzu 2016. Dana wara li l-attriċi ppremettiet li interpellat diversi drabi lill-konvenut sabiex iħallasha, pero` dan baqa' inadempjenti. Hija talbet li l-konvenut iħallas ukoll l-ispejjeż tal-kawża.

Ra l-elenku tal-ispejjeż li ppreżentat l-attriċi, ammontanti b'kollox għal €1,828.14ċ (Dok. 'AG1', fol.4).

Ra r-Risposta tal-konvenut preżentata fis-17 ta` Lulju 2017 li permezz tagħha eċċepixxa li (i) l-ammont mitlub huwa eċċessiv stante li ċertu deċiżjonijeit rigward spejjeż relatati mal-edukazzjoni tat-tfal minuri ittieħdu mingħajr il-konsultazzjoni u l-awtorizzazzjoni tal-eċċepjent; (ii) l-ammont reklamat ma ntefaqx fl-intier tiegħu għall-ħtiġijiet tal-minuri; (iii) jeħtiġ li ssir prova reali u konkreta li l-oġġetti mertu tal-prospett esebit intefqu fuq it-tifel tagħhom minuri, apparti l-prova tar-riċevuti li trid tinġieb; u (iv) mingħajr preġudizzju, il-konvenut huwa lest li jħallas nofs l-ammont li huwa verament dovut veru l-ħtiġijiet mediċi u edukattivi tal-minuri.

Sema' x-xiehda tal-partijiet.

Ra d-dokumenti eżibiti mill-attriċi.

Sema' t-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra li:

L-attriċi **Audriette sive Audrey Grech**[1] ippreżentat kopja tal-kuntratt ta` separazzjoni[2] bejnħa u l-konvenut, li jirregola wkoll ir-relazzjonijiet u l-obbligi tagħhom fir-rigward tal-minuri binhom Travis Briffa, li qalet li llum għandu 14-il sena. Hija rreferiet għal klawsola 6(a) ta` dan il-kuntratt, li bis-saħħa tagħha l-konvenut obbliga ruhu li jirrifondilha nofs l-ispejjeż ta` saħħa u edukazzjoni li tinkorri fl-interess tal-minuri. Hija ppreżentat ukoll diversi riċevuti ta` spejjeż li ħallset għalihom ħi, u li tagħhom qed titlob rimbors – għar-rigward tan-nofs – mingħand il-konvenut. Hija ddikjarat li kienet diġa' għaddietlu kopja ta` dawn ir-riċevuti. Żiedet tgħid li, skond il-kuntratt ta` separazzjoni, il-konvenut obbliga ruhu li jħallas l-ispejjeż tat-trasport, u l-

[1] Ara xiehda, 25.10-2017, fol.10 sa 11
[2] Fol.12 sa 21

ispejjeż tal-miżata tal-iskola, u anke f'dak ir-rigward kellha diffikulta` għaliex dam biex ħallas. Hija ddikjarat li dawn l-ispejjeż ma jidħlux fil-kalkolu tar-rimbors li qed titlob b'din il-kawża. Insistiet li l-ispejjeż mediċi u edukattivi inkorriethom fl-interess tat-tifel, għaliex kellha parir li kellu bżonnhom, filwaqt li qalet ukoll li kienet waqqfitlu l-isport minħabba li l-konvenut ma kienx qed joħrog sehmu.

In kontro-eżami[3], l-attriċi kkonfermat li dawn ir-riċevuti kienet bagħtithom aktar minn darba lill-konvenut, b'modi differenti: bagħtitlu uħud bl-*email*, pero` qallha li ma setax jftaħhom, bagħtitlu l-kopji mat-tifel u l-ewwel qal li rċeviehom u mbagħad qal li ma rċevihomx, u mbagħad bagħtitlu kopja oħra mal-avukat tiegħu fil-kors tal-proċess ta` medjazzjoni. Minkejja dan, huwa qatt ma rrisponda għalihom, u lanqas irċeviet korrispondenza legali dwarhom.

Mistoqsija mit-Tribunal jekk il-konvenut għandux aċċess għall-minuri, l-attriċi ddikjarat li rari jmur għalih.

Dwar kopertura tas-saħħa tal-minuri b'polza ta` assikurazzjoni, l-attriċi xehdet li kienet ħallset għal din il-kopertura tliet snin ilu, pero` ma baqgħetx tħallasha, u ma tafx jekk ħallashiex il-konvenut. Qalet li ma baqgħetx tħallasha għaliex spiċċat ħallset il-kopertura, ħallset l-ispejjeż mediċi u mbagħad meta talbet ir-rimbors, ġiet infurmata li l-ħlasijiet ħadhom il-konvenut. Dwar il-lezzjonijiet privati, l-attriċi qalet li kienu l-istess li l-minuri kien ga jattendi għalihom meta l-partijiet kienu għadhom flimkien, u li l-konvenut lanqas dak iż-żmien ma ried iħallas għalihom. Qalet ukoll li l-unika riċevuta li ma għaddietx lill-konvenut kienet dik tat-tilqima tal-meninġite, li tat lit-tifel minħabba f'kundizzjoni li kellu fil-passat, u anke għal din il-konvenut irrifjuta li jikkontribwixxi. Hija żiedet tgħid li anke biex il-konvenut ħallas l-ispiża tat-trasport tal-iskola, pagabbli minnu skond il-kuntratt ta` separazzjoni ta` bejniethom, kellha tinkariga avukat biex jiktiblu billi kien qed ifittixħa l-provditur tas-servizz għaliex baqa' ma tħallasx.

[3] Ara xiehda, 08.11-2017

Il-konvenut **Glenn Briffa**[4] xeħed li lill-attriċi ma jafdahiex wara dak kollu li ġara bejniethom, u li ħaditlu, fis-separazzjoni. Huwa ċaħad li kien ingħata kopja tar-riċevuti, b'mezzi elettroniċi jew b'kopji fiżiċi, lanqas fil-proċess ta` medjazzjoni għaliex qal li l-avukat li kellu qatt ma deher.

Fuq l-ispejjeż tal-privat, il-konvenut qal li *'jien lis-Sinjura infurmajtha li jiena llum għandi ħajja oħra u familja oħra u kelli nibda kollox mill-ġdid minn żero u allura ma nistax nonfoq dawk l-ammonti'.* Skond hu, il-bqija tar-riċevuti huma *'ta` nurofen u hekk'.* Huwa ddikjara li mill-ammont mitlub ma għandu jħallas xejn għaliex kellha tippreżentalu dawn ir-riċevuti fi żmien ġimagħtejn, u naqset milli tagħmel dan. Qal li għandu polża li tkopri spejjeż mediċi, li jħallasha mal-paga, u lmenta li lit-tifel ma jaraħx bizzejjed, għaliex dejjem bl-iskużi li ma jistenniex li jismagħhom mingħand tifel ta` 14-il sena. Huwa kkonferma li laħaq irċieva ħlasijiet mingħand il-kumpanija assikuratriċi b'rimbors ta` spejjeż mediċi li għamlet l-attriċi għat-tifel. Qal li kien offrielha li tħallas nofsha, u tieħu l-ispejjeż, pero` hi ma ħallsitx. Qal ukoll li kien qallha li ma jaqbilx li tibgħatu l-lezzjonijiet privati, pero` hi ma qablitx, u ċaħad li t-tifel baqa' jmur l-istess lezzjonijiet privati.

Ikkunsidra ulterjorment li:

Din hija kawża li l-attriċi qed tagħmel kontra l-konvenut żewgħa, u minnu legalment separata, għar-rimbors ta` spejjeż mediċi u edukattivi, skond klawsola 6(a) tal-kuntratt ta` separazzjoni ta` bejniethom.

F'dan il-kuntratt, pubblikat min-Nutar Dottor Sarah Scerri fil-21 ta` Marzu 2016, il-partijiet kienu ftiehmu li *'huma għandhom iħallsu l-ispejjeż relatati mas-saħħa u edukazzjoni, inkluż iżda mhux biss privat u lezzjonijiet sportivi, f'sehem ugwali bejniethom wara l-preżentata tar-riċevuta u dan mhux iżjed minn ġimgħatejn minn meta jkun sar tali ħlas'.*[5]

---

[4] Ara xiehda, 08.11-2017
[5] Fol.17

Kif argumenta sewwa d-difensur tal-attriċi, din id-disposizzjoni għandha s-saħħa ta` liġi bejn il-kontendenti (**art. 992**, **Kod. Ċiv.**), u tista` tiġi mħassra biss b'ordni tal-Qorti kompetenti f'deċiżjoni tagħha, inkella b'kuntratt ġdid bejn il-partijiet. Il-konvenut ma ressaq ebda prova li din id-disposizzjoni ta` bejniethom tħassret, jew ġiet b'xi mod mibdula.

F'dan il-każ, it-Tribunal jidhirlu li għandu jgħid bla tlaqliq li jsib id-difiża mressqa mill-konvenut, fir-Risposta tiegħu u aktar fix-xiehda li ta quddiemu, bħala bla bażi legali u fattwali, u ċertament mhux ġustifikabbli jew pertinenti fir-rigward tal-obbligi ta` ġenitur li jirriżulta li għad għandu l-konvenut fir-rigward ta` ibnu minuri, u tal-attriċi li taqsam miegħu dawn l-obbligi, pero` terfa' ferm aktar il-piż tagħhom mill-istess konvenut minħabba li t-tifel jinsab fil-kura kwotidjana tagħha. Jidher li l-konvenut ma japprezzax suffiċjentement il-portata tal-obbligi tiegħu ta` ġenitur, mhux biss biex irabbi lil ibnu, imma anke biex imantnih, jgħallmu, jedukah, u jeħodlu ħsieb is-saħħa tiegħu (**art. 19**, **Kod. Ċiv.).** Dawn l-obbligi għadhom, u jibqgħu jgħabbu lill-konvenut, anke jekk dan għażel li jwaqqaf familja oħra, u jidħol għal obbligi simili fil-konfront ta` ħaddieħor, u t-tentattiv tiegħu biex jiġġustifika n-nuqqas tiegħu li jħallas dak li obbliga ruhu li jikkontribwixxi favur l-attriċi, fl-interess tal-minuri, sfortunatament juri kemm l-istess konvenut għadu ma japprezzax biżżejjed dan l-oneru familjali u soċjali li timponi fuqu l-liġi.

It-Tribunal fela r-riċevuti kollha eżibiti mill-attriċi, u partikolarment il-kontenut tagħhom dwar il-prodotti u s-servizzi mixtrija, u li tagħhom qed titlob rimbors, u jikkonkludi li lanqas l-allegazzjoni tal-konvenut li l-attriċi qed titolbu rifużjoni ta` spejjeż ordinarji, li jikkontribwixxi diġa' għalihom bil-ħlas mensili pattwit fl-istess kuntratt ta` separazzjoni, ma hija fattwalment fondata. Filwaqt li huwa minnu li l-attriċi ma ppreżentatx il-preskrizzjonijiet mediċi li jippruvaw il-ħtieġa tal-ispejjeż inkorsi minnha, kemm in-natura tal-mediċini mixtrija, u anke l-frekwenza u l-ispejjeż relattivi, juru biċ-ċar li, aktar iva milli le, dawn verament inxtraw fl-interess tal-minuri, u biex jissodisfaw ħtiġijiet mediċi tiegħu. Dan jgħodd ukoll għat-tilqima tal-*meninġite*, li tirrapreżenta l-aktar spiża medika qawwija li tagħha qed jintalab rimbors.

Kwantu għall-ispejjeż edukattivi, il-konvenut ma ressaq ebda prova oġġettiva li turi li dawn l-ispejjeż ġew inkorsi inutilment, jew b'pika, mingħajr utilita` għall-minuri, kif donnu ried ifisser fix-xiehda li ta quddiem dan it-Tribunal. Il-parti l-kbira tal-ispejjeż saru meħtieġa fuq talba tal-istituzzjonijiet edukattivi li jipprovdu servizz lill-minuri, filwaqt li ma tressqet ebda prova li l-lezzjonijiet privati li jattendi għalihom il-minuri mhumiex ta` benefiċċju għalih, jew il-ħlas mitlub huwa sproporzjonat jew eċċessiv.

It-Tribunal qies ukoll li magħduda l-ispejjeż kollha li tagħhom l-attriċi ressqet il-prova tal-ħlas, l-ammont mitlub minnha huwa anqas mill-ammont dovut lilha mill-konvenut skond il-klawsola 6(a) tal-kuntratt ta` separazzjoni ta` bejniethom.

It-Tribunal ma jemminx li l-konvenut sar jaf bl-entita` ta` dawn l-ispejjeż, għall-ewwel darba, f'din il-kawża. Jekk l-avukat li nkariga fil-proċess ta` medjazzjoni naqas li jidher, kien obbligat jieħu konsenja tad-dokumentazzjoni kollha mgħoddija mill-attriċi, jew id-difensur tagħha, u jirregola ruhu. It-Tribunal jidhirlu li l-konvenut kien deċiż, anke minn qabel, li ma jħallasx din l-ispiża, mingħajr ma kellu raġuni valida għal dan, bi ksur tal-obbligu li kkuntratta favur l-attriċi, u allura l-allegata nuqqas tal-konsenja tar-riċevuti għandha aktar minn skuża milli ġustifikazzjoni għad-dewmien. Minħabba f'hekk, it-Tribunal jidhirlu li anke t-talba tal-attriċi għall-ħlas tal-imgħax legali, u tal-ispejjeż ta` din il-kawża, huma ġustifikati.

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, dan it-Tribunal jiddeċiedi din il-kawża billi jiċħad l-eċċezzjonijiet kollha tal-konvenut, u jilqa' t-talba attriċi, u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi s-somma ta` disa' mija u erbatax-il Ewro u seba' ċenteżmi (€914.07ċ), bl-imgħax legali mid-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba sad-data tal-pagament sħiħ effettiv. L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-konvenut.

**Avukat Phyllis Aquilina LL.M. (Lond.), LL.D.**
**ĠUDIKATUR**